**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 3 TA' MEJJU, 2002**

**Numru: 39**

` **Avviz Nru: 1177/01AE**

**George, Joseph, Nicholas, Emmanuel, Alice Zahra, Mary Galea, Monica Vella lkoll ahwa Baldacchino bhala eredi ta' missierhom Francis Baldacchino u Kalcedonia Baldacchino**

**Vs**

**Anthony sive Twanny Baldacchino u martu Maria Licia Baldacchino**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm1,125),

dovuta lill-attrici Kalcedonia Baldacchino fl-ammont ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) u l-ammont ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm525) lill-atturi kollha kull wiehed l-ammont ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75) rapprezentanti flus dovuta lilhom bhala werrieta ta' missierhom Francis Baldacchino fuq self maghmul lill-konvenuti u rapprezentanti fi tnax-il kambjala.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenuti (fol. 19) fejn eccepew li l-azzjoni hija nsostenibbli in kwantu l-attur George Baldacchino qieghed jagixxi f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' ommu Kalcedonia Baldacchino.

Ra d-digriet tat-18 ta' Frar 2002 u li permezz tieghu giet awtorizzata korrezzjoni fl-avviz tat-talba fis-sens li l-kliem *"l-istess George Baldacchino bhala prokuratur ta' ommu"* ghandhom jigu mhassra.

Ra r-risposta li giet prezentata mill-konvenut (fol. 31) fil-25 ta' Marzu 2002 u li permezz taghha gie ddikjarat li huma kredituri fl-ammont ta' sebgha mija u wiehed u hamsin lira Maltija (Lm751) rapprezentanti spejjez inkorsi fl-interess ta' Francis Baldacchino, illum mejjet, u ta' l-atturi u liema pretenzjoni giet dedotta permezz ta' kontro-talba (fol. 33).

Ra r-risposta ghat-talba rikonvenzjonali u li permezz taghha l-atturi eccepew:

1. Illi r-risposta u t-talba rikonvenzjali prezentati mill-konvenuti, huma fuori termine u ghalhekk huma ntempestivi u ghandhom jigu michuda;

2. Illi t-talbiet tal-konvenuti huma preskritti fit-termini tal-artikolu 2149(d) u artikolu 2156.

3. Illi l-konvenuti jridu jippruvaw il-kreditu taghhom.

Semgha x-xhieda tal-kontendenti.

Ra l-atti tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

1. Illi mill-atti jirrizulta li l-konvenuti gew notifikati bl-avviz tat-talba kif korrett fit-28 ta' Frar 2002 (ara fol. 29 u 30). Ir-risposta giet prezentata fit-28 ta' Marzu 2002 (fol. 32), igifieri wara li ghalaq it-terminu preskritt mil-ligi ghall-prezentata tar-risposta. F'dan ir-rigward l-Artikolu 4 ta' l-Avviz Legali 145 ta' l-1995 jipprovdi:

*“Il-konvenut ghandu jipprezenta r-risposta tieghu ghat-talba fi zmien tmintax-il jum mid-data meta jkun gie notifikat bl-avviz tat-talba”.*

L-Artikolu 5 ta’ l-istess Avviz Legali jipprovdi:

*“Konvenut jista’ fir-risposta tieghu jaghmel kontro-talba kontra l-parti li taghmel it-talba”.*

Huwa minnu li l-proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar huma min-natura taghhom proceduri nformali. Huwa minnu wkoll li hemm sentenzi (ara **Dr. Lennart Depasquale vs Filippo Cachia** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-22 ta’ Novembru 1996) li ddikjaraw li *“in-nuqqas li tigi pprezentata risposta mill-konvenut fi zmien stipulat bl-ebda mod ma timporta l-kontumacja tieghu. Il-kontumacja tal-konvenut hi stabbilita bl-Att numru V tal-1995 u senjatament bl-artikolu 13 u mhux konsentit li tali kontumacja li hi strettament marbuta man-nuqqas tal-konvenut (jew ukoll tal-attur) li jidher f’zewg seduti li fihom ikun ser isir is-smigh tal-kawza, ma tistax tigi b’xi mod estiza biex tkopri cirkostanzi ohra. Lanqas permezz ta’ regolamenti maghmula in forza tal-istess Att mit-Tribunal”*. Ta’ rilevanza wkoll hija l-kawza fl-ismijiet **Emanuel Caruana noe vs Elaine Cachia** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-22 ta’ Novembru 1996 fejn inghad: *“l-attendenza fizika ghas-smigh –*

*una volta l-parti tkun notifikata gustament bil-kawza – hija essenzjali u ma tigix sanata jew sodisfatta l-anqas jekk ikun hemm risposta bil-miktub tal-konvenut li biha jopponi t-talba”*. F’dawn ic-cirkostanzi, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ghandhu jinghata l-opportunita li jinstemgha. Madanakollu t-Tribunal ma jistax ma japplikax il-ligi, li fil-kaz in kwistjoni hija cjara u ma thalli ebda lok ghall-interpretazzjoni. Ghalkemm il-ligi tiddisponi li t-Tribunal ghandu jiddecidi skond l-ekwita’, dan ma jfissirx li t-Tribunal ghandu jiskarta u jonqos milli japplika dak li tiddisponi espressament dwaru l-ligi.

2. Talba rikonvenzjonali tista’ tigi prezentata biss kontestwalment mar-risposta. Gialadarba r-risposta ma gietx prezentata fit-terminu preskritt mil-ligi, ma setghetx titressaq talba rikonvenzjonali da parti tal-konvenuti. Interpretazzjoni differenti thalli minghajr sinifikat u ggib fix-xejn l-Artikolu 4 u 5 ta’ l-Avviz Legali numru 145 ta’ l-1995, regolamenti li gew fis-sehh ghat-tenur ta’ l-Artikolu 16 ta’ l-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar. Min-naha taghhom il-konvenuti ma ressqu l-ebda gustifikazzjoni ghan-nuqqas taghhom li jipprezentaw risposta fit-terminu ta’ tmintax-il gurnata. Ghalhekk fic-cirkostanzi t-talba rikonvenzjonali ma tistax tigi kkunsidrata u r-risposta ghandha tigi sfilzata mill-atti.

3. Dwar it-talba ta' l-atturi fil-meritu, fis-seduta ta' l-4 ta' April 2002 l-avukat Dr. Therese Cachia ghall-attrici Kalcedonia Baldacchino kkonfermat li l-konvenuti kienu hallsu s-somma ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225) ghas-saldu tal-pretenzjonijiet taghha (ara wkoll Dok. AB2). Ghalhekk il-meritu fuq is-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) huwa llum ezawrit.

4. Tibqa' l-kwistjoni dwar is-somma ta' hames mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm525) li l-atturi jikkontendu li hija dovuta lilhom in kwantu ghal hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75) kull wiehed. Mill-provi rrizulta li l-atturi (bl-eccezzjoni ta' Kalcedonia Baldacchino) u l-konvenut huma l-eredi tal-mejjet Anthony Baldacchino.

5. Fix-xhieda moghtija mill-konvenut fis-seduta tal-4 ta' April 2002, huwa xehed: *"qieghed naqbel illi l-kambjali li huma mertu ta' din il-kawza jiena ma hallasthomx"*. Ix-xhud ikkonferma wkoll li l-hlas huwa dovut in konnessjoni ma' trasferiment ta' ishma skond kuntratt pubbliku datat 25 ta' Marzu 1995 (markat bhala Dok. AB1). Fis-seduta tat-30 ta' April 2002, l-atturi (permezz ta' l-avukat ta' fiducja taghhom) ikkonfermaw ukoll li l-kambjali li jinsabu ezebiti fl-atti processwali nhargu fir-rigward tal-bejgh ta' ishma skond il-kuntratt pubbliku fuq imsemmi. Dan l-istess kuntratt jipprovdi:

*"fil-kazijiet kollha l-pagamenti ghandhom isiru mill-lum permezz ta' kambjali".*

6. Fl-avviz tat-talba (fol. 2) l-atturi qeghdin jikkontendu li l-flus huma dovuti *"**fuq self** maghmul lill-konvenuti u rapprezentanti fi tnax-il kambjala".* It-Tribunal ma jistax strettament iqis din il-kawza bhala *actio cambiaria* peress li l-kawzali espressa mill-atturi m'hijiex bazata fuq kawzali unika, dik cioe' tan-nuqqas ta' pagament da parti tal-konvenuti tal-kambjali. F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Joseph Pitre' noe vs Anthony Attard** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Gunju 1972, fejn it-talba kienet ghall-hlas ta' *"bilanc ta' somma ta' 975,775 liri taljani, ghal 'granulato di marmo' lilu mibjugha u kkonsenjat u dan anke skond l-annessa kambjala, liema kambjala giet protesta".* F'dik is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell iddikjarat li l-attur nomine ma kienx ezercita l-*actio cambiaria*. In-natura u l-indoli ta' l-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini ta' l-att li bih jinbdew il-proceduri. Ghandu jirrizulta mill-avviz tat-talba liema azzjoni verament l-attur ikun qieghed jittenta u dan peress li l-azzjonijiet huma distinti fin-natura taghhom u l-iskop taghhom u huma mmexxijin minn regoli ta' proceduri differenti. Irid jissemma wkoll li l-kambjali ezebiti mill-atturi qeghdin jirreferu ghall-*"goods received"*, filwaqt li fl-avviz tat-talba jinghad li l-hlas huwa dovut ghal self moghti.

7. Ghalkemm fl-avviz tat-talba jinghad li l-hlas huwa dovut bhala self, kif rajna l-hlas huwa bilanc ta’ prezz ghall-bejgh ta’ ishma f’kumpannija. B’daqshekk ma jfissirx li t-talba tal-atturi ghandha tigi michuda ghaliex il-hlas huwa dovut bhala prezz ghall-bejgh ta’ ishma u mhux ghall-self. F’dan ir-rigward it-Tribunal jaghmel riferenza ghall-Artikolu 213 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) li jipprovdi:

*“Fl-ewwel grad, fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri, jekk ma tigix ippruvata t-talba kif imfissra fic-citazzjoni, izda jigi ppruvat jedd iehor ghad li dan il-jedd l-iehor ma jkunx jidhol sewwa fit-talba originali, il-qorti tista' tiddecidi fuq dan il-jedd l-iehor kif ikun gie hekk ippruvat, fuq l-istess citazzjoni”.*

Artikolu li huwa ntiz li jnehhi l-formalizmu zejjed mill-proceduri li jinstemghu quddiem il-Qrati Inferjuri u jizgura l-ekonomija tal-gudizzji. Ghalkemm fl-Att V ta’ l-1995 (li bih gie kostitwit it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar) ma nsibux provvediment li bih l-Artikolu 213 sar applikabbli ghall-proceduri quddiem it-Tribunal, m’hemm xejn fil-ligi li jzomm lit-Tribunal milli japplika l-principju hemm enuncjat, meta wiehed iqies ukoll in-natura nformali ta’ proceduri li jinstemghu quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

8. Il-kuntratt datat 25 ta' Marzu 1995 jipprovdi espressament li: ***"fil-kazijiet kollha kwalsiasi bilanc relattiv li jkun fadal dak in-nhar li wiehed jew wahda mill-vendituri imut dan jigi konvertit f'vitalizju pagabbli lil min ikun ghadu haj l-ahhar fosthom bl-istess manjiera ta' pagamenti"***. Il-konvenzjoni ta' bejn il-partijiet ghandha forza ta' ligi (Vol. XXX.iii.407). Ghalhekk skond il-ftehim il-hlas huwa dovut lil Kalcedonia Baldacchino u mhux lill-eredi tal-mejjet Francis Baldacchino. Kif rajna l-attrici Kalcedonia Baldacchino ddikjarat li m'ghandha ebda pretenzjoni fil-konfront tal-konvenuti. Fic-cirkostanzi, kull kwistjoni ohra tigi reza superfluwa.

Irid jigi rilevat, u dan minghajr pregudizzju ghal dak li nghad iktar il-fuq, li anke jekk il-kawza ta' l-atturi titqies bhala *actio cambiaria*, ma tista' qatt ikollha ezitu favorevoli ghall-atturi eredi ta' Francis Baldacchino. L-Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13) jipprovdi:

*"L-eccezzjonijiet li huma persunali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja".*

F'dan il-kaz partikolari, il-kontenzjoni tal-konvenuti li in vista ta' dak li hemm stipulat fl-att pubbliku tal-25 ta' Marzu 1995 m'ghadhiex tezisti l-obbligazzjoni kambjarja fil-konfront ta' l-atturi eredi ta' Francis Baldacchino, m'hijiex ta' ndagni twila. Kif tajjeb qal il-Professur Cremona (*Notes on Commercial Law* – Part II): *"The question, therefore, whether a plea can be conveniently and speedily disposed of in the pending action or not is one of fact which the Court, in its discretion is to decide due regard being had to all the circumstances of the case"*.

Tezisti gurisprudenza fejn f'kawza kambjara l-Qrati taghna nvestigaw eccezzjoni personali u ma llimitawx ruhhom fuq in-natura awtonoma tal-kambjala. Fil-kawza fl-ismijiet **Edgar Staines nomine vs Henry Trapani**, il-Qorti tal-Kummerc (Vol. XXX.iii.499) osservat:

*"L-eccezzjonijiet personali huma opponibbli ghall-possessur tal-kambjali illi jitlob il-hlas taghha, u jistghu jirrigwardaw tant l-origini ta' l-obbligazzjonji kemm l-ezercizju taghha.* ***Il-kompensazzjoni, bhal pagament jew il-mahfra totali jew parzjali ta' l-ammont kambjarju, hija wahda minn dawn l-eccezzjonijiet personali kapaci li jimmodifikaw jew jeskludu, skond il-kazi, l-ezercizzju ta' l-istess kambjali****"*.

F'dan il-kaz partikolari l-kambjala ma kenitx giet girata u l-Qorti ordnat it-tpacija. Fil-fatt il-Qorti kompliet:

*"Meta l-kambjala ma tkunx negozjata u tinsab f'idejn il-kreditur kambjarju d-debitur jista' jikkumpensa kreditu li huwa jkollu kontra l-kreditur kambjarju mas-somma li huwa ghandu jaghtih bis-sahh tal-kambjali; ghaliex il-kompensazzjoni hija wahda minn dawk l-eccezzjonijiet personali li huma opponibbli lill-possessur tal-kambjali li jitlob il-hlas taghha".*

Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Negte. Salvatore Tabone vs Francesco Camilleri** (Vol. XXX.iii.329 – deciza fis-27 ta' Frar 1939), il-Qorti osservat:

*"Huwa veru li kontra t-talba ghall-hlas ta' kambjali ma humiex ammessi eccezzjonijiet li jirritardaw il-pagament u li ma jisghux jigu definiti malajr. Pero hemm eccezzjonijiet assoluti u eccezzjonijiet relativi li jistghu jigu moghtija u ghandhom jigu ammessi kif ukoll hemm eccezzjonijiet ohra li gejjin minn fatti posterjuri ghall-emisssjoni tal-kambjali.* ***<u>Id-disposizzjoni tal-ligi li tenuncja l-principju fuq imsemmi m'hijiex applikabbli meta l-kambjala tkun bagghet f'idejn it-traent innifsu u ma tkunx giet girata. Ghalhekk jekk wara l-emissjoni</u>***

***tal-kambjala, t-traent jaghti dilazzjoni ghall-hlas lill-accettant, l-eccezjoni relativa tista' tigi opposta lit-traent***".

Fil-kawza fl-ismijiet **Alfred Tonna vs Vincent Lentini** (Vol. XXXIV.iii.845 – deciza fl-20 ta' Lulju, 1950):

*"Ghalkemm huwa veru li l-eccezzjonijiet personali ghall-possessur tal-kambjali ma jistghux itawlu l-pagament tas-somma, jekk ma jkunux likwidi u tali li jistghu jigu decizi malajr, u hu veru wkoll li ma hix permessa l-opposizzjoni ghall-hlas ta' kambjali hlief fil-kaz li l-kambjali tkun intilfet jew fil-kaz ta' falliment tal-possessur... dan il-principju ma jibqax applikabbli meta l-eccezzjoni hi fis-sens li ma kienx hemm ebda obbligazzjoi kambjarja.* ***Infatti r-regola li l-hlas tal-kambjali jigi ordnat taht kawtela, u li l-gudizzju dwar l-eccezzjonijiet jigi rimess ghal kawza ohra separata, hi intiza biex tigi tutelata l-kambjali bhala istitut, u kwindi tonqos ir-raguni meta obbligazzjoni kambjarja ma hemmx***".

L-istess inghad fil-kawza fl-ismijiet **Philip O. Gatt nomine vs Amabile Gatt** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Marzu 1976, fis-sens li d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 197 u 198 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 16) ma japplikawx meta l-eccezzjoni tkun fis-sens li ma kien hemm ebda obbligazzjoni kambjarja.

Anke f'dan is-sens it-Tribunal huwa tal-fehma li wara l-mewt ta' Francis Baldacchino l-obbligazzjoni kambjara ma baqghetx tezisti in kwantu jikkoncerna l-atturi bhala wlied il-mejjet. Dan peress li l-obbligazzjoni originali ma baqghetx tezisti favur l-eredi tal-mejjet, u l-hlas kien dovut esklussivament lill-martu bhala vitalizju. Ta' interess dak li jghid l-awtur Gianninini rigward l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni originali: *"I due titoli agiscono reciprocamente uno sull'altro perciocche la estinzione dell'uno impedisce che si possa domandare la soddisfazione del credito invocando l'altro. Quando il creditore cambiario richieda il pagamento di cio' che per l'altro titolo gli fu pagato con effetto di estinguere il debito cambiario, non consentendo la buona fede che si domandi due volte la stessa cosa, egli sarebbe respinto con una excpetio doli"* (ara *Law of Bills of Exchange, Notes and Cheques* – Prof. J. Micallef, fol. 166).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jichad t-talba ta' l-atturi ghall-hlas.

L-ispejjez jibqghu minghajr taxxa.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**